KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 49** **Tlieta 2 ta' Awissu 2022**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:20 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Christopher Grech – Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Shirley Abela - Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Mikhail Micallef - Kunsillier
Danny Farrugia - Kunsillier
George Borg - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Angele Rapa - Kunsillier
Mikhail Micallef - Kunsillier

**ASSENTI: NIL**

**MISTIEDEN:**
Daniel Galea – Accountant
Elles Urban Services -Kuntrattur tal-Kunsill

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**49.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Rapa u nfurmat li l-Kunsillier Micallef jinsab l-isptar. Il-membri preżenti unanimament approvaw l-ittra ta' apoloġija, kif wkoll li l-Kunsillier Micallef jiġi skużat.

**49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 48**

**REF: 43.3.4 Kommunikazzjoni- Quotation for Hard stone kerb**

Is-Sindku nforma li l-Kunsill bagħat imejl lil Infrastructure Malta (IM), fejn ġiet ikkanċellata il *purchase order* 2351 għal xogħol ta' *service culvert* fi triq il-Kbira wara li sar qbil li dan ix-xogħol ta' *service culverts* li laħaq sar u mhux ser jitkompla, ser jitħallas minn IM.

**REF: 37.4.14 Triq Durumblat**

Is-Sindku nforma li mar jiċċekkja din it-triq fejn ipprovda *snag list* lil Infrastructure Malta (IM), fejn saru xogħolijiet li ma kienx kuntent bihom. IM lestew dawn ix-xogħolijiet li kien fuq il-lista u kull ma fadal li jikinsu t-triq id-Dipartiment tal-Cleansing.

Il-Kunsillier Cassar staqsa dwar ir-*roundabouts* jekk hux ser jsiru f'ta Swaey u n-naħa ta' Ħ'Attard. Is-Sindku nforma li IM informawh waqt laqgħa li dawn mhux ser isiru għalissa, imma ġie diskuss li *r-roundabout* ta' Triq il-Mitħna k/m Triq Durumblat ser japplika l-Kunsill għall-permess mall-Planning Authority (PA), u IM jimplimentawha kif jkollna l-permess f'idejna. Is-Sindku kompla jgħid li rigward il-parkeġġ ta' quddiem iċ-ċimiterju, dan mhux ser isir qabel ma ssir l-esproprjazzjoni. Il-proċess ta' din l-esproprjazzjoni inbeda minn IM u r-referenza ta' dan il-każ huwa: L576/2020/1

**REF: 33.3.6 Kommunikazzjoni – Bidnija Bridge Condition Report u Miżura 4.3 EAFRD**

Il-Kunsillier Gatt talab biex jeħlu aktar tabelli li jindikaw it-tunnellaġġ massimu tal-pont int u ġej mill-pjazza tal-Bidnija ħalli dak li jkun ikun avżat qabel. Saret diskussjoni u ġie deċiż li it-tabelli jibqgħu fuq il-pont biss (waħda fuq kull naħa) minħabba l-fatt li kull tabella li tindika tunnellaġġ hekk issir għaliex dan hu li standard.

Kif konna qed nitkellmu fuq it-tabelli, l-Kunsilliera Bonnici talbet biex fil-pjazza ssir tabella oħra li tkun bil-Malti biex tindika li ħadd ma jista' jagħlef ħamiem. Din għanda teħel ma l-arblu fejn hemm id-*disabled bay,* bit-tabella tħares lejn dik iż-żona pavimentata.

**REF: 43.3.8 Kommunikazzjoni- Vjal Ragusa, Triq il-Pont u Triq ir-Rebbiegħa**

Is-Sindku nforma li saret laqgħa mal-Perit ta' Infrastructure Malta (IM), fejn informah bis-suġġeriment tal-Kunsill biex jsir *culvert* fi Triq EB Vella. Il-Perit ta' IM, Albert Spiteri spjega li l-*culvert* sar fi Triq ir-Rebbiegħa eżatt kantuniera ma Triq E.B. Vella.

**REF: 44.3.3 Kommunikazzjoni – Fire Alarm HC/Local Council Building**

Il-Kunsillier Cassar nforma li evalwa l-kwotazzjonijiet fejn ġew sottomessi mil-kumpaniji Mascot, Faro Group u MM Installations. Il-kwotazzjonijiet kienu bażikament l-istess imma tal-FARO Group kienet l-aktar vantaġġuża.

Peres li l-kwotazzjoni taqbeż il-5,000 Ewro, il-membri preżenti unanimament qablu li tinqasam fit-tnejn. L-ewwel jsir it-tieni sular, u t-tielet sular fejn hemm is-sala issir is-sena d-dieħla.

**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – Byelaw Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Is-Sindku nforma li qed nistennew mingħand l-accountant tal-Kunsill biex jimla parti mil-applikazzjoni relatata mal-finanzi tal-Kunsill. Is-Sindku kompla jgħid li wara li ssir id-devoluzzjoni l-Kunsill għad irid jiddeċiedi jekk hux ser immorru għal *bye-law* jew PPP.

Fis 6:40 daħal għal laqgħa l-Kunsillier Farrugia

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA u Tal-Ġeneral Co. Ltd.**
Is-Sindku nforma li l-avukat tal-Kunsill bagħat *draft* ta' l-ittra lil PAMA li tinħareġ biex jibda l-arbitraġġ. Il-Kunsillier Cassar nforma li bir-rispett kollu lejn il-kollegi Kunsilliera l-ittra hija wisq teknika, u issuġġerixxa li nafdaw fl-avukat u nmexxu.

Il-membri preżenti approvaw l-ittra tal-arbitraġġ biex tintbagħat lill-PAMA.

Rigward l-arbitraġġ li għaddej mal-kumpanija Tal-Ġeneral Co. Ltd, is-Sindku nforma li ħa ssir laqgħa flimkien ma l-avukat tal-Kunsill, Tal-Ġeneral Co. Ltd u l-avukat li qed jirrappreżenta l-kumpanija Tal-Ġeneral biex nippruvaw nittrattaw b'mod amikevoli. Il-laqgħa għanda ssir wara l-15 t'Awissu 2022.

**REF: 46.4.3 – Kommunikazzjoni – Day Centre Agreement**
Is-Sindku nforma li wara l-laqgħa li kellna, kien talab li apparti il 500 siegħa jkollna skeda ta' fejn is-sigħat tal-*wardens* qed jintużaw u li għandu jiddeċiedi l-Kunsill kif jintużaw dawn il-500 siegħa.

Fir-risposta tas-CEO tal-LESA kienet ċara li offrew 25% f'renta u €1,000 f'dawl u ilma, li ma jinkludux il-500 siegħa servizz.

Is-Sindku reġa' tkellem mas-CEO tal-LESA u offrew 45% tal-kirja tat-tieni sular, nkluż €1,000 f'dawl u ilma. Kif wkoll 30% skont kif jagħtu lil-Kunsill oħrajn meta jkun hemm bżonn *wardens.*

Il-membri preżenti approvaw l-offerta li għamlet il-LESA.

**REF: 46.4.5 Kommunikazzjoni- Pjanti Triq Difiża Ċivili**
Is-sitwazzjoni fejn il LIDL hija ta periklu, fejn Infrastructure Malta (IM) għamlu t-trejqa jew sqaq ta' maġenb il-LIDL *one-way* u l-ħruġ qed minn Triq il-Qares. Minħabba l-volum ta' karozzi li qed jgħaddu, nkluż trakkijiet din għanda tkun *one-way* bil-kontra għax lanqas bankina ma hemm. Inkella alternattiva oħra hija li din it-trejqa tingħalaq minn żewġ naħat u traffiku kollu ġej minn naħa tal-pont jgħaddi min fejn l-iskola tal-MCAST.

Għalkemm hemm uffiċjal matul il-ġurnata, il-membri talbu li nerġgħu niktbu lil-IM biex il *one-way* tkun bil-kontra. Is-Sindku kkonferma li ser jerġa' jagħmel laqgħa ma IM.

**REF: 46.4.10 Kommunikazzjoni- Northern Cleaning Żieda fil-Prezz**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti li l-kuntrattur Northern Cleaning bagħat il-kwotazzjoni u ntbagħtet lid-DLG għal approvazzjoni.

**REF: 46.4.13 Kommunikazzjoni – Ħasil tal-Pjazza**
Is-Sindku nforma li beda l-ħasil tal-Pjazza fejn il-lejla ser jitkompla min fejn il-bank APS.
Is-Sindku nforma wkoll li l-ħasil tal-Pjazza huwa parti mil-MOU li l-Kunsill għandu mad-Dipartiment tal-Cleansing. Tal-Cleansing ġew u lanqas għamlu nofs il-ħasil li kellhom jagħmlu, u meta s-Sindku nforma lid-Direttur Ġenerali tal-Cleansing, is-Sur Deguara nformah li ma għandux riżorsi biex jimplimenta dak ix-xogħol li ġie ffirmat fl-MOU. Huwa spjega li fix-xhur tas-sajf il-Cleansing ma jistgħux jlaħħqu bix-xogħol, u għalhekk ġie deċiż li mmexxu bil-kuntrattur tal-Kunsill fejn propju l-lejla ser tinħasel triq il-Kbira. Is-Sindku talab biex jinħaslu aktar toroq fil-madwar tal-pjazza qabel il-festa u nibdew ukoll inaddfu l-*culverts* tal-ilma tax-

xita bil-*jet wash.* Apparti hekk is-Sindku qal li dawk *l-culverts* tal-ilma tax-xita li suppost jnaddfuhom il-Cleansing bħal Triq il-Kungress Ewkaristiku ma jistgħux jagħmluhom u għalhekk importanti li jsiru mill-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu.
Is-Sindku wera x-xewqa li l-ħasil tat-toroq jinfirex ukoll f'żoni barra miċ-ċentru u l-pjazza.

**REF: 46.4.15 Kommunikazzjoni – Elles Urban Services**
Is-Sindku nforma li hemm 3 *items* fil-BOQ tal-kuntrattur li hemm reviżjoni ta' materjal għax għolew il prezzijiet. Dawn il-prezzijiet ntbagħtu imejl għal attenzjoni tal-Kunsilliera, fejn is-Sindku ħa jipprova jinnegozja it-tielet *item* C.06*:*

| | |
|---|---|
| Triq Charles Vassallo | - C.02: €45 per sqm (min €30) |
| | - C.03: €12 per sqm (min €6) |
| | - C.06: €68 per sqm (min €35) |
| Sqaq Xorxa | - C.02: €45 per sqm(min €30) |
| | - C.03a: €12 per sqm (min €6) |
| | - C.06: €35 per sqm (min €26) |
| Sqaq San Anton Abbati | - C.02: €45 per sqm (min €30) |
| | - C.03a: €12 per sqm (min €6) |
| | - C.06: €35 per sqm (min €26) |

Bħala *coldmilling* is-Sindku nforma li min €3 *per sqm* il-prezz ġie negozjat għal €2.50 *per sqm* eskluż VAT. Is-Sindku ħa jipprova jinnegozja il-prezzijiet C02, C03, C03a u C06, skont ir-risposta, nibgħatu lil Awtorità ta' l-Ippjanar biex jekk hu possibbli jirrevedi l-fond biex jiżdied la żdiedu l-prezzijiet.

Is-Sindku nforma li għal-laqgħa għandu jattendi r-rappreżentant tal-kuntrattur Elles biex niddiskutu miegħu.

Fis 7:53 saret sospensjoni ta' l-aġenda biex tkompli tiġi diskussa din il-materja mar rappreżentat tal-kuntrattur Elles Urban Services, is-Sur Philip Axiak li daħal għal-laqgħa.

Is-Sindku nforma lil kuntrattur li-prezzijiet il-ġodda huma naqra għaljin, (ref: C02, C03, C03a, u C06), u s-Sindku nforma li ma jaħsibx li d-differenza fil-prezz hija relatata kolla mal-materjal. Ġew diskussi l-prezzijiet, fejn talab lis-Sur Philip Axiaq li hemm bżonn jkunu riveduti l-prezzijiet, u nforma li l-kumplament tal-proġetti ħa jkunu bir-rati li ħa jkun miftiehem.

Is-Sindku nforma li illum ltaqa mal-kuntrattur Elles Urban Services u bagħtilhom *site plan* ta' triq il-Ġnejna u parti min triq San Silvestru li għandhom bżonn ta' *resurfacing* ta' 40mm u jagħtiha tarmak *wearing course* bir-rata tat-tender.

Nforma lil-kuntrattur wkoll li triq il-Ġnejna hija parti mir-rotta tal-purċissjoni u għalhekk ix-xogħolijiet jridu jitlestew mil-aktar fis possibbli, u għalhekk jrid japplika ma Transport Malta għal xogħolijiet ta' emerġenza, fejn talbu wkoll rata raġonevoli ta' *scarifying* 40mm.

Il-kollega ta' Elles Urban Services ntalab biex jerġa jipprovdi l-garanzija, u jagħtina dati meta ser jibda bix-xogħolijiet u *time frames* meta ħa jlesti.

Il-kuntrattur nforma li l-Ħamis li-ġej ser jibda min triq il-Ġnejna.

**REF: 46.5.4 Ġnien Grognet de Vasse u Ġnien 15 t'Ottubru**
Is-Sindku nforma li kellem lil kuntrattur u nfurmah li jista' jibda fil 15 ta' Settembru għax jrid jordna l-materjal tar-*rubber flooring*. Is-Sindku nforma li talbu biex jkellem lil min iqiegħed ir-*rubber flooring* biex jibda qabel, u madwar ġimgħa qabel ma jsir r-*rubber flooring* ser iwaħħal il kumplament tal-bandli.

**REF: 48.3.2 Kommunikazzjoni- Ġnien Victor Calvagna**
Is-Sindku nforma li għal din is-sena 2022 ħa jieħdu ħsieb il-ġnien Ambjent Malta, u talab lis-Sur Olaf McKay biex jitwaħħlu l-*bins* tal-klieb. Rigward kemm ser jiswa dan il-ġnien biex jiġi mantenut, il-Wasteserv għadhom ma tawnhiex ir-rata fis-sena kemm ser jiswa.

**REF: 48.3.4 Kommunikazzjoni- Soċjetà Piroteknika 15 t'Awissu u Soċjetà Filarmonika Nicolo Isouard**
Is-Segretarju Eżekuttiv talbet kjarifika dwar il €250 li ħa jingħataw lil-għaqdiet bħala għajnuna meta jkun hemm bżonn *wardens.* Dawn il €250 ħa jkunu ħlas ta' darba fix-xahar?

Il-membri preżenti unanimament qablu u kkonfermaw li l-għaqdiet jistgħu jibbenefikaw għajnuna uffiċjali massima ta' €250 darba fix-xahar. Jekk għaqda jkollha żewġ avvenimenti f'xahar ma tingħatax €250 darbtejn avolja jista' jkun hemm xhur preċedenti li ma tkunx għamlet talbiet. Imma jekk per eżempju għaqda jkollha żewġ avvenimenti f'xahar li bejniethom it-tnejn il-*wardens* jammontaw għal per eżempju €180, ser jitħallsu taż-żewġ avvenimenti għax jammontaw għal-inqas min €250.

**REF: 48.3.6 Kommunikazzjoni - Data Processing Services Agreement**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-membri preżenti li kien ntbagħat l-*agreement* lill-membri tal-Kunsill għal *feedback* tagħhom, biex jiġi ffirmat, però ma kellhiex *feedback* mill-Kunsilliera. Fakkret li dan l-*agreement* huwa dwar moniteraġġ ta' żewġ CCTV kameras mil-*control room* tal-LESA, li qegħdin waħda fi Pjazza man naħa ta' Cauchi u oħra Pjazza 16 ta' Settembru.

Il-Kunsilliera talbu biex l-*agreement* jarah id-*data protection officer* tal-Kunsill għal *feedback* u approvazzjoni tiegħu, u nmexxu.

**REF: 48.3.7 Kommunikazzjoni- Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bagħtet imejl lil-Kunsilliera biex jduru 'l *bye-laws* dwar reklamar u kirja tas-sala, biex jiġu diskussi rati ġodda.

Il-Kunsilliera talbu biex din il-materja tittella' fil-laqgħa li jmiss.

**REF: 48.3.8 Kommunikazzjoni- Coring Works fi triq il-Bażilika**
Is-Sindku nforma li *handyman* tal-Kunsill ġab kwotazzjoni biex tingħata lis-sid li huwa resident fejn kien għamel il-bankina fejn it-toqob fil-bankina fejn jsir l-għarmar tal-festa ma kienx reġa' għamilhom.

Il-Kunsillier Cassar nforma li hemm *chat* u l-*handyman* ġie nfurmat, fejn is-sid id-dar ikkonferma li nistgħu nmexxu bil-kwotazzjoni li taħ il-*handyman* tal-Kunsill, fejn nforma lil-*handyman* biex jiġbor iċ-ċekk.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tfakkar lil-*handyman* tal-Kunsill biex aħna nagħmlu x-xogħol u jiġbor il-pagament mir-resident.

**REF: 48.3.9 Kommunikazzjoni- Mosta Bridge Lighting – Above**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Inġinier Joseph Azzopardi kien bagħat email, fejn kif mitlub fired il-kwotazzjonijiet fi tnejn, dawl ta' taħt il-pont u dawl ta' fuq il-pont man-naħa tat-triq. Dawn intbagħtu lil-Kunsilliera fil 5 ta' Lulju biex jagħtu l-*feedback* tagħhom.

Il-Kunsilliera talbu biex din il-materja tittella' fil-laqgħa li jmiss.

**REF: 48.3.10 Kommunikazzjoni- Mosta Bridge Lighting - Under**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Inġinier Joseph Azzopardi kien bagħat email, fejn kif mitlub fired il-kwotazzjonijiet fi tnejn, dawl ta' taħt il-pont u dawl ta' fuq il-pont man-naħa tat-triq. Dawn intbagħtu lil-Kunsilliera fil 5 ta' Lulju biex jagħtu l-*feedback* tagħhom.
Il-Kunsilliera talbu biex din il-materja tittella' fil-laqgħa li jmiss.

**REF: 48.3.11 Kommunikazzjoni- CCTV's Pjazza u Pjazza 16 ta' Settembru**
Il-membri preżenti talbu jekk jistax jkollna rapport ta' kemm inħarġu ċitazzjonijiet.

**REF: 48.3.14 Kommunikazzjoni- Survey tal-Pjazza**
Is-Sindku nforma lis-Segretarju Eżekuttiv li ser jibgħat tlett kwotazzjonijiet, fejn l-orħos waħda hija €1,000, biex is-sotto kumitat jkun jista' jaħdem fuq it-*timed parking*.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 48.

Fis 7:45 saret sospensjoni ta' l-aġenda biex jinqraw l-*items* 49.5.2 – Quarterly Report 1 u Quarter report 2 – Jannar sa Ġunju 2022.

Fis 7:53 saret sospensjoni ta' l-aġenda biex tkompli tiġi diskussa din il-materja REF: 46.4.15 Kommunikazzjoni – Elles Urban Services mal-kuntrattur li daħal għal-laqgħa.

**49.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**49.3.1 Kommunikazzjoni – Attivita Puttinu Cares**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li saret attività b'risq Puttinu Cares fejn il-Kunsilliera Bonnici, kienet talbet approvazzjoni biex jkunu provduti *mobile toilets.*

Il-membri preżenti approvaw li l-Kunsill jipprovdi żewġ *mobile toilets.*

**49.3.2 – Kommunikazzjoni – Email: Ċirkulari Numru SPI/SCI/8/2022 Finanzjament Milied 2022**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ġiet ċċirkulata mall-membri tal-Kunsill iċ-ċirkulari dwar Finanzjament Milied 2022.

Il-Kunsilli jistgħu japplikaw għall-attività waħda jew programm t'attivitajiet, u l-perjodu ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-programm huwa mit-Tnejn, 5 ta' Diċembru 2022 sal-Ħadd, 8 ta' Jannar 2023.

Din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 90% tal-ispiża għall-attività sa massimu ta' €47,000, u l-Kunsill/i Lokali huma obbligati li ma' somma mogħtija lilhom jgħattu l-kontribut tagħhom ta' 10% ta' somma globali.

Il-Kunsill Lokali huwa obbligat li jingaġġa *Artistic Director* sabiex l-programm ikun aktar professjonali u ta' kwalità. Dan id-Direttorat ħa jkun qed jiffinanzja sa massimu ta' €3,000 għall-ispiża ta' dan l-ingaġġ

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi sa mhux iktar tard min nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Awwissu 2022. Il-Kunsillier Camilleri nforma li qed jaħdem fuq il-proposta li rridu nissottomettu.

**49.3.3 Kommunikazzjoni- Ċirkulari Numru SPI/SCI/7/2022 Espressjoni ta Interess World Clean Up The World Campaign 2022**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ġiet ċċirkulata mal-membri tal-Kunsill iċ-ċirkulari dwar World Clean Up The World Campaign 2022.
Il-Finanzjament, sa massimu ta' €3,000 (inkluż il-VAT), se jingħata fuq dawn il-kriterji;

- Ospitalità 15%
- Reklamar u promozzjoni 15%
- Rimborż ta' spejjez għal-materjal u bżonnijiet oħra għat-tindif 60%
- Spejjez amministrattivi 10%

Din is-sena, il-ġurnata tal-*World Cleanup Day* se tiġi mfakkra nhar is-Sibt, 17 ta' Settembru 2022. Għaldaqstant, l-attività/attivitajiet ta' indafa li għalihom se jingħata l-finanzjament jistgħu jsiru bejn it-Tlieta, 13 ta' Settembru 2022 u l-Erbgħa, 21 ta' Settembru 2022.

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi sa mhux iktar tard min nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Awwissu 2022.

**49.3.4 Kommunikazzjoni- Travel Grants for visits to European municipalities**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ġiet ċċirkulata mal-membri tal-Kunsill iċ-ċirkulari dwar *travel grants*.

In-numru ta' Għotjiet għall-Ivvjaġġar qed jiġu offruti taħt l-ESF 04.079 "Create2020 - Investing in the Cultural and Creative Capabilities Skills in Malta's Public Sector", proġett immexxi mill-Arts Council Malta. Il-proġett huwa ko-finanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew.

Bħala *timeframes* għal-applikazzjonijiet relatati ma visti ta' l-ivvjaġġar, huma dawn;

- L-applikazzjonijiet għandhom jaslu permezz ta' email mid-data tal-ħruġ tas-Sejħa u sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2022.
- Iż-żjarat għandu jkollhom data tar-ritorn ta' mhux aktar tard mis-16 ta' Ottubru 2022.

Il-Kunsillier Camilleri qed jieħu ħsieb din l-iskema biex jara x'jista' jsir għalkemm bħala *timeframes,* m'hemmx wisq żmien.

**49.3.5 Kommunikazzjoni- Mosta Day Transport Provision**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li d-dipartiment tal-Active Ageing Community, ilmentaw li qed ikollhom problemi bis-servizz tat-trasport, peress li l-vettura mibgħuta mhux qed tkun pprovduta b'mod adegwat.

Is-servizz ipprovdut għandu prezzijiet li jmorru lura għal xi snin ilu, għalhekk l-AACC laħqu ftehim mas-servizz tat-trasport li jipprovdu vettura adegwata, iżda qabel ma jikkonfermaw għandhom bżonn l-approvazzjoni tal-Kunsill peress li nħallsu għal jumejn fil-ġimgħa fit-trasport, u l-AACC tħallas għal 3 ijiem fil-ġimgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni għal żieda ta' €24 għal kull vjaġġ. Qabel konna nħallsu €11 għal kull vjaġġ u issa l-*invoice* se tkun ta' €35 għal kull vjaġġ.

Il-membri preżenti approvaw €35 għal kull vjaġġ ta' trasport li jiġi offrut darbtejn fil-ġimgħa, lil-anzjani li jattendu d-Day Care Centre.

**49.3.6 Kommunikazzjoni- Award Letter M4.3039**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li b'referenza għal-Fondi tal-Unjoni Ewropea għal xogħolijiet fuq toroq rurali - Miżura 4.3 (Toroq Rurali) EAFRD, rċevejna l-*award letter* ta' approvazzjoni għal-applikazzjoni li l-Kunsill issottometta ta' wied il-Qlejja.

**49.3.7 Kommunikazzjoni- SCT Agreement**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li sar kuntatt mal-Bank of Valletta plc b'rabta mal-intenzjoni tal-Kunsill biex jwettaq trasferimenti ta' kreditu SEPA permezz tas-sistema ta' pagamenti Diretti tal-Bank.

Il-Bank laqa' t-talba tal-Kunsill biex jissottoskrivi u jipprovdi d-Direct Payment System skond it-termini u l-kundizzjonijiet bażiċi maħruġa mill-Bank minn żmien għal żmien.

Kopja tat-termini u l-kundizzjonijiet bażiċi li jirregolaw it-trasferimenti tal-kreditu SEPA – permezz tal-Direct Payments System ġiet ippreżentata fil-laqgħa.

Il-membri preżenti approvaw li jkun iffirmat il-kuntratt biex jkunu jistgħu jsiru trasferimenti ta' kreditu SEPA permezz tas-sistema ta' pagamenti Diretti tal-Bank.

**49.3.8 Kommunikazzjoni- Notice**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-impjegat Shaun Theuma Marshall ta r-riżenja tiegħu. Is-Sur Marshall nforma li ser jagħmel ħmistax il-ġurnata *notice,* u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmatu li l-kuntratt li f'firma jistipula li *notice* għandu 90 ġurnata, u ma tistax tapprova li jitlaq qabel, sakemm jsir l-proċess tal-ingaġġ. Apparti min hekk tkun qed toħloq preċedent lejn il-kollegi tiegħu kull meta jkun hemm riżenja, apparti li n-*notice period* huwa forma ta' pjanar lejn l-*employer* biex jkun hemm ċans ta' pjanar u tqassim tax-xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bdiet bil-proċess ta' ingaġġ, biex ma jkunx hemm dewmien, anke fil-konfront tas-Sur Theuma Marshall, ħalli jekk jinstab xi ħadd malajr, jkun jista' jiġi

rilaxxat qabel id-90 ġurnata.  Il-membri preżenti qablu mad-deċiżjoni tas-Segretarju Eżekuttiv.

**49.3.9 Kommunikazzjoni- Quotes Attivitajiet 30 & 31 July -03 & 07 August 2022**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li s-Soċjetà Filarmonika Nicolo Isouard qed jippjanaw erba' avvenimenti.

- Attivitajiet: 30 u 31 ta' Lulju 2022 kwotazzjoni mill-pulizija hija ta' €794.38.
- Attività: 3 ta' Awwissu 2022 fejn il-kwotazzjoni inbidlet u minflok €175 ġiet tiswa €233.80 għax żiedu il-ħin għal *wardens*.
- Attività 7 ta' Awwissu, il-Kwotazzjoni hija ta' €277.75 Ewro.

Il-membri preżenti approvaw li kull għaqda Mostija tingħata għajnuna uffiċjali darba fix-xahar u għalhekk approvaw €250 min €794.38 għal-attivitajiet ta' 30 u 31 ta' Lulju, u €250 min €277.75 għal-attività tas-7 t'Awwissu.

**49.3.10 Kommunikazzjoni- Cir AKL 2022/076 Launch of European Mobility Week 2022 – Competitions**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna skema għal-għotja għal kompetizzjoni permanenti ta' miżuri ta' mobbiltà sostenibbli bħala parti mill-Ġimgħa Ewropea tal-mobbilità li ser issir bejn 16-22 ta' Settembru 2022.

**49.3.11 Kommunikazzjoni - Complaint Suggestion Mosta Library**
Is-Sindku nforma li rċevejna suġġeriment biex fis-sajf il-librerija reġjonali tiftaħ imqar darba għal sagħtejn jew tlieta wara nofs in-nhar.

Il-membri preżenti approvaw li l-Kunsill jħallas biex il-librerija reġjonali fis-sajf tiftaħ darbtejn fil-ġimgħa wara nofs in-nhar.

**49.3.12 Kommunikazzjoni: 10 Toqob ġodda għal-Armar Ġdid**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna ittra mil-grupp armar fejn talbu approvazzjoni mil-Kunsill peress li qed jsir il-bankina, biex jagħmlu għaxar toqob ġodda għal-armar ġdid, bejn il-Pjazza Rotunda u triq it-Tabib Chetcuti.

Il-membri tal-Kunsill approvaw it-talba biex tinħareġ *no objection.*

**49.3.13 Kommunikazzjoni: Qtugħ ta' Ħaxix Non Urban**
Is-Sindku staqsa lil-membri preżenti jekk nistgħux naħdmu bil-kwotazzjonijiet biex jinqata l-ħaxix f'zoni mhux urbani.  Il-membri preżenti qablu biex immexxu bil-kwotazzjonijiet, basta ma naqbżux il-€5,000 fis-sena ma kull operatur li joffri s-servizz.

**49.3.14 Kommunikazzjoni: Ħmieġ**
Is-Sindku nforma li qed nirċievu bosta lmenti dwar ħmieġ fil-*housing area*, li m'huwiex ħmieġ tal-kennies, imma ta kostruzzjoni kif ukoll xeba' mbarażż ieħor, u hemm bżonn jsir *clean up* u jinħasslu l-bankini tal-Housing (miż-żona tal-ġibjun sa Triq il-Mitħna)
Il-membri preżenti qablu li ssir *clean* up, u s-Sindku nforma wkoll li hemm video fejn ir-*roundabout* tal-pont, fejn hemm bosta ħmieġ.

Is-Sindku nforma li ħa jiftiehem mal-kuntrattur tal-knis, biex jdur miegħu z-zoni u jipprovdi kwotazzjoni biex jsir it-tindif.

Il-membri preżenti approvaw li jsir it-tindif u wara jsir il-ħasil.

**49.3.15 Kommunikazzjoni: Proġett ta' Junctions**
Is-Sindku spjega li meta huwa kien tela Traffic Committee ta' Transport Malta (TM) rigward bdil fid-direzzjoni tat-traffiku fosthom dħul għall-Mosta minn Kungress Ewkaristiku, iċ-*chairperson* tal-bord, is-Sur Michael Cohen kien talab li biex dan il-bdil fid-direzzjoni tat-traffiku jsir, iridu jiġu disinjati żewġ *junctions* ġodda u jiġu rranġati żewġ *junctions* oħra. Il-bord talab biex il-kunsill jagħmel dawn id-disinni u jiddiskuti ma IM, u wara li jkunu lesti il-Kunsill jippreżentahom lill-bord għad-diskussjoni f'seduta oħra.

L-erbgħa *junctions* huma dawn *:*

- Junction Vjal Indipendenza ma Main Street
- Junction fejn Ventur
- Junction fejn is-Subaru
- Junction tal-Pjazza

Is-Sindku spjega li żewġ *junctions* minnhom, li huma l-ewwel tnejn fil-lista li jiġu ż-żewġ *junctions* il-ġodda, jistgħu jsiru dejjem immaterjali mid-direzzjoni tat-traffiku kif tkun għaliex dawn huma bżonnjużi li jsiru u jaħdmu jkun kif ikun id-direzzjoni tat-traffiku. Dawn il-*junctions* il-ġodda huma Vjal l-Indipendenza kantuniera ma Triq il-Kbira u ħdejn Ventur fil-fetħa ta' Vjal l-Indipendenza.

Is-Sindku ppreżenta pjanta li tinkludi d-disinn ta' dawn iż-żewġ *junctions* proposti kif ukoll ir-riġenerazzjoni taż-żona ħdejn il-kappella ta' San Silvestru nkluż zuntier ġdid għal din il-kappella. Dan id-disinn kien diġà ġie muri qabel lill-Kunsilliera f'laqgħat preċedenti u kienu mitluba modifiki, liema disinn u modifiki saru minn IM fuq talba tal-Kunsill. Il-Kunsilliera unanimament qablu ma din il-pjanta (Annessa Doc A), u b'hekk is-Sindku setgħa jikkonferma ma IM biex imexxu u jtellgħu din il-proposta (żewġ *junctions* u riġenerazzjoni madwar kappella San Silvestru) għall-approvazzjoni tal-bord ta' TM. Is-seduta li jmiss ser issir fis-6 ta' Settembru fejn is-Sindku jiġi wkoll mitlub jattendi.

Is-Sindku nforma li għandu laqgħa nhar id-9 ta' Awwissu mas-CEO il-ġdid ta' IM, is-Sur Ivan Falzon rigward il-finanzjament ta' dan il-proġett.

**49.3.15 Kommunikazzjoni: Fondi ta' Toroq Reġjun Tramuntana.**
Is-Sindku tkellem mar-reġjun dwar Triq il-Bajtar u Triq il-Bonnijiet, fejn Bonnijiet ma saritx mil-fondi tar-reġjun, u għalhekk il-membri preżenti qablu li l-fondi li kellhom jintużaw għal Triq-Bonnijiet, jintużaw fuq Triq il-Ġnejna u parti minn Triq San Silvestru. Is-Sindku talab li għandu bżonn ikun jaf kemm ġiet tiswa Triq il-Bajtar eżatt ħalli naraw x'differenza ta' flus fadal mils-somma ta' €25,000 tar-Reġjun.

**49.3.16 Kommunikazzjoni: Laqgħa mal-Ministru Miriam Dalli**
Is-Sindku nforma li kellu laqgħa mal-Ministru Dalli dwar karozzi skrapjati, fejn jidher li hemm skema ta' Transport Malta (TM), fejn bħalissa karozzi abbandunati wara li titwaħħal *sticker* mil-Pulizija, il-vettura tinġabar min TM.

Is-Sindku nforma li ġie diskuss wkoll il-proġett tat-tieni fażi tal-wied, jiġifieri mill-kappella tal-Isperanza sa ħdejn il-Ballut. Ġie diskuss Ii dan qed fil-pjan però ma ġejniex mogħtija data.

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li ġew diskussi c-*charging pillars* u ġie ssuġġeriet li naraw fiz-zoni tal-Mosta fejn hawn *charging pillars.* Għalhekk nibdet l-idea li jitella post fuq *facebook* biex naraw kemm il-lokalità qed timxi fit-triq ta' *greener environment,* u tara wkoll min diġà qed jagħmel użu ta' vetturi elettriċi.

**49.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**49.4.1 Culverts**

Il-Kunsilliera Bonnici staqsiet jekk il-flus li kienu ser jintefqu f'*culverts* fi triq il-Kbira, jistgħux jintefqu x'imkien ieħor u ssuġġeriet biex jsir Sqaq Grech Mifsud u jitkompla b'tal qawwi. Ġie diskuss li dan l-isqaq ser ninfurmaw lil IM biex jiżdied max-xogħol.

**49.4.2 Bowsers f'ta Mlit**

Il-Kunsilliera Bonnici Pia li fis-sajf f'ta Mlit kienu jintbagħtu żewġ *browsers*, fejn din id-darba ma ntbagħtux. Is-Sindku nforma li din is-sena ma ġewx mitluba, u idealment ma nibgħatu xejn għax min jħawwel Yukka, min jħawwel it-tursin, u min jikkapparra biċċa *soft area* u jagħmilha tiegħu. Għanda l-kuntrattur tal-Kunsill u jieħu ħsieb hu, u għalhekk daqshekk ħa nipprovdu l-ilma għat tisqija.

**49.4.3 Indafa**

Il-Kunsilliera Bonnici li għanda d-dekasteru ta' l-indafa, ssuġġeriet li darba fis-sena kull triq fil-Mosta tinħasel fis-sajf. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tistaqsi lil-kuntrattur x'inhuma l-ispejjeż.

**49.4.4 Vjal il-Qalbiena**

Il-Kunsilliera Bonnici talbet *update* fejn kien sar eżerċizzju biex jiġu nkorporati *traffic safety measures*. Is-Sindku nforma l-pjan ma sarx imma li l-pjanti lesti min naħa ta' Infrastructure Malta (IM).

**49.4.5 Tindif Housing Estate**

Il-Kunsillier Farrugia nforma li ser jittawwal u jiġbor x'hemm bżonn jsir bħala tindif fil-*housing estate.*

**49.4.6 Linji fi triq il-Fuħħar**

Il-Kunsillier Gatt nforma li saret triq il-Fuħħar min Infrastructure Malta (IM), u bħala linji il-bojod tal-parkeġġ biss għamlu, is-sofor li kien hemm qabel ma saret it-triq ma għamluhomx. Is-Sindku talab lil Kunsillier Gatt biex jibgħatlu imejl ħa jkellem lil IM, u jekk hemm toroq oħrajn li għamlu IM u ma sarux il-linji jniżżilhom fl'imejl wkoll.

**49.4.7 Bring In Sites**

Il-Kunsillier Gatt staqsa kif bqajna fuq il-Bring In Sites. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li din il-materja għaddiet *traffic management* committee. Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li kienet bagħtet ritratt fejn jridu jiġu, u kellha ssir pjanta tal-postijiet mis-Sindku fejn ser jitpoġġew fi triq il-Fortizza u ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

**49.4.8 Roundabout fi Vjal Ragusa**
Il-Kunsillier Zerafa staqsa jekk hux possibbli li ssir *roundabout* fi Vjal Ragusa lejn il-pont. Is-Sindku nforma li ser jiċċekkja ma Infrastructure Malta (IM).

**49.4.9 Triq Wied is-Sir**
Il-Kunsillier Zerafa staqsa jekk triq Wied is-Sir tistax tiġi *one-way* bil-kontra. Saret diskussjoni u bosta membri preżenti qablu li ma tistax issir għax tkun aktar perikoluża.

Il-membri preżenti unanimament qablu li tiżdied nofs siegħa mil-ħin tal-laqgħa u tintemm fid-9:30pm.

**49.4.10 Disabled Parking Bays**
Il-Kunsillier Zerafa staqsa xi jrid jsir meta wieħed jkun jaf li min kien juża d-*disabled bay* ġie nieqes. Il-Kunsillier Farrugia talab lil-Kunsillier Zerafa biex jibgħatlu d-dettalji fejn qegħda ħalli jiċċekkja, imma jekk tkun *communal* jista' jkun li titħalla biex tintuża min-ħadd ieħor.

**49.4.11 Ħarġa tal-Kunsill.**
Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa tal-Kunsill li jmiss ser issir fil-25 t'Awissu ġewwa Marsaxlokk. It-trasport jitħallas mil-Kunsill bħas-soltu.

**49.4.12 Inawgurazzjoni tad-Dawl tal-Bażilika**
Il-Kunsillier Camilleri nforma li l-proġett tad-dawl estern tal-Bażilika wasal biex ikun inawgurat, u d-data proposta hija s-26 t'Awissu. Il-Kunsillier Camilleri nforma li saritlu talba sabiex jressaq proposta biex il-Kunsill b'mod konġunt mal-parroċċa jgħin biex tkun iċ-ċelebrata din l-attività. Il-proposta hija li l-Kunsill japprova baġit ta' €3,000 sabiex ngħinu fl-organizzazzjoni.
Il-Kunsillier Camilleri ippropona wkoll li r-riċeviment propost ta' wara l-festa jsir fis-26 t' Awwissu. Il-binja tal-bażilika hija binja/monument li poġġiet il-Mosta fuq il-mappa ta' Malta u nagħmlu tajjeb li jkollna sehem f'din iċ-ċelebrazzjoni.

Il-Kunsillier Camilleri nforma lil-membri preżenti, li meta jkunu rkuprati flus imħallsa fuq VAT dawn se jinxtraw il-*light fittings* biex jingħataw lil Kunsill u nkunu nistgħu nixgħelu l-pjazza kif jixraq.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-baġit ta' €3,000 sabiex ngħinu fl-organizzazzjoni.

**49.5 Rapporti**
**49.5.1 Update - Development Funds as at 2.8.2022**
*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

**49.5.2 – Quarterly Report 1 u Quarter report 2 – Jannar sa Ġunju 2022**
l-Accountant tal-Kunsill beda jgħaddi ir-rapport ta' l-accounts min Jannar sa Ġunju 2022, però kellna problemi tekniċi ta' kommunikazzjoni u l-membri preżenti unanimament qablu biex din il-materja terġa tittella' fil-laqgħa li jmiss.

**49.5.3 – Update- Ingaġġ ta' Assistent Skrivan/a Skala 16**

Is-Segretarju Eźekuttiv nfurmat li talbet il-JobsPlus biex jibgħatu lista *part 3*, peress li ma kien hemm ħadd eliġibbli mil-lista *part 2*.

**49.5.4 – Update -Ingaġġ ta' Executive Officer fi Skala 13**

Il-Kunsill ippubblika l-avviż fuq il-gazzetti kif ukoll fuq il-midja soċjali. L-avviż kien jagħlaq fid-29 ta' Lulju 2022. Applikaw erba' u waħda mil-applikazzjonijiet hija interna min impjegat tal-Kunsill.

**49.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**49.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 130.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 6 ta' Lulju 2022 sat-2 ta' Awwissu 2022.

**49.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**49.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**49.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-lista tal-*petty cash* ħa tittella' fil-laqgħa li jmiss.

**49.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:25 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-30 ta' Awwissu 2022 fis-6:00pm.

Konfermati llum 2 ta' Awwissu 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Chris Grech | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |